MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 517/2003

**U.C.I.M Co. Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia u martu Geralda Farugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ Marzu 2003, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm648.00) rappresentanti import ta’ tmien kambjali, kollha ta’ Lm81.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2002 sa Marzu 2003 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 8.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-6 ta’ Marzu 2003 jammontaw ghal Lm16.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ Lm6.00 ghal konsult legali kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill--konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm648.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------